MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 166/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Zachary Cassar**
**Carmel Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Zachary Cassar u Carmel Cassar talli:

Fit-8 ta' Awissu 2004, fuq il-monti ta' San Gakbu, fil-Belt Valletta, iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija jew, xjentement, ghamlu uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

Fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, ghamlu uzu, xjentement, ta’ marka sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu merkanzija, b’din il-marka, sinjal jew emblema;

Fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi xjentement qeghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq;

Fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, bil-ghan li jiehdu vantagg ghalihom infushom jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkagunaw telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, bieghu jew krew jew qassmu oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal identiku ghal, jew li x’aktarx jithawwad ma’ trademark registratata;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ April 2007, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 298(1)(a)(c)(f), 533 u 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 72(1)(b) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fuq ammissjoni ta’ l-imsemmijin Zachary Cassar u Carmel Cassar, sabithom hatja ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom u, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannathom ghall-piena komplessiva ta’ 18-il xahar prigunerija kull wiehed u ordnat li l-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ tliet snin mid-data tas-sentenza appellata jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija. Inoltre, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannathom ihallsu minnufih bejniethom f’partijiet ugwali lir-Registratur is-somma ta’ tmienja u disghin liri Maltin u sitt centezmi (Lm98.06) rappresentanti l-ispejjes inkorsi f’din il-kawza rigward l-inkarigu ta’ l-espert Martin Bajada. Barra minn hekk, wara li rat l-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni ta’ l-oggetti esebiti bhala Dok. AG11;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmijin Zachary Cassar u Carmel Cassar ipprezentat fis-27 ta’ April 2007 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fil-parti fejn sabithom hatja skond ammissjoni taghhom stess, tvarja l-piena inflitta billi tnaqqas l-istess piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena li l-appellanti jqisu bhala wahda harxa ghalkemm fil-parametri tal-ligi. L-appellanti josservaw illi huma ammettew mill-ewwel, li l-fedina penali taghhom hija netta u li l-ufficjal prosekutur stess ivverbalizza li l-ammont ta’ oggetti f’dan il-kaz kien minimu. Skond l-appellanti, ghalkemm l-ewwel Qorti qalet li kkunsidrat ic-cirkostanzi tal-kaz, in-natura u l-*quantum* tal-piena juru l-kuntrarju. Jghidu li l-piena taht l-artikolu 298(1)(a)(c)(f) tal-Kap. 9 hija ta’ prigunerija minn erba’ xhur sa sena. Imbaghad il-piena ghar-reat kontemplat fl-artikolu 72(1)(b) tal-Kap. 416 hi ta’ prigunerija ta’ mhux aktar minn tliet snin jew multa ta’ mhux aktar minn ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000) jew multa u prigunerija flimkien. Ghalhekk jidher li l-ewwel Qorti aktar marret lejn il-massimu tal-piena applikabbli milli lejn il-minimu.

L-appellanti jghidu wkoll illi l-ewwel Qorti ma ccitatx l-artikolu 72(4) tal-Kap. 416 li jippreskrivi l-piena izda mhuwiex qieghed jeccepixxi n-nullita` tas-sentenza appellata ghall-fini ta’ pratticita`. Din il-Qorti tirrimarka li kieku l-appellanti qajmu aggravju simili, dak l-aggravju kien ikun altament fieragh peress illi, kif jipprovdi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, is-sentenza ghandha ssemmi **“l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat"**. Mela mhuwiex mehtieg *ad validitatem* li jissemma l-artikolu li jippreskrivi l-piena.

Issa, kwantu ghall-aggravju ta’ l-appellanti, jinghad l-ewwelnett illi fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti

tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Ammissjoni bikrija mbaghad mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena (**Il-Pulizija v. David Vella**, 2 ta’ Dicembru 2005).

Fil-kaz odjern, l-appellanti ammettew wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi[1]. Huma ammettew fis-seduta tas-17 ta’ April 2007 u l-ewwel Qorti wissiethom bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi ta’ l-ammissjoni taghhom u tathom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le. Imbaghad, wara li l-ewwel Qorti saqsiethom jekk jikkonfermawx dik l-ammissjoni jew le, l-appellanti regghu wiegbu li huma hatja ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom. Dan kollu huwa ndikat fis-sentenza appellata. Fl-istess sentenza l-ewwel Qorti rreferiet ukoll ghall-fatt li l-ufficjal prosekutur kien iddikjara li l-ammont ta’ oggetti involuti f’dan il-kaz kien ammont minimu. Inoltre mill-istess sentenza jirrizulta li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta’ l-appellanti. Jigifieri c-cirkostanzi kollha li l-appellanti rreferew ghalihom f’dan l-appell gew fil-fatt ikkunsidrati mill-ewwel Qorti qabel ma ghaddiet ghas-sentenza.

Ciononostante, mis-sentenza appellata ma jirrizultax li l-ewwel Qorti applikat l-artikoli 17(b) u 17(h) tal-Kodici Kriminali meta giet biex tiddetermina l-piena. Barra minn hekk ghandu jkun hemm element ta’ proporzjonalita` bejn

---

[1] Ara verbal tal-25 ta’ Settembru 2006 a fol. 74.

il-piena nflitta u r-reita` kif rizultanti mill-provi. Huwa veru illi s-sentenza ta' prigunerija nflitta mill-ewwel Qorti giet sospiza izda, bhalma jipprovdi l-artikolu 28A(2) tal-Kodici Kriminali: **"Qorti ma ghandhiex tittratta ma' hati permezz ta' sentenza sospiza hlief jekk il-qorti jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija kienet tkun xierqa fin-nuqqas ta' xi setgha li tissospendi dik is-sentenza b'ordni bis-sahha tas-subartikolu (1)".** Imbaghad, una volta l-Qorti tiddetermina li sentenza ta' prigunerija hi xierqa, qabel ma tiddeciedi li tissospendiha, ghandha l-ewwel tiddetermina l-*quantum* u wara – una volta l-perijodu ta' prigunerija ma jkunx izjed minn sentejn – tezamina jekk hemmx ragunijiet li jiggustifikaw is-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni ta' dik il-piena. Dan il-process mentali huwa mehtieg sabiex jigi evitat li jigu nflitti sentenzi itwal ta' prigunerija milli kien ikun mehtieg kieku ma kienx hemm il-possibilita` ta' sospensjoni taghhom bil-konsegwenzi ovvji partikolarment f'kaz ta' kommissjoni ta' reati ohra matul il-perijodu operattiv. F'dan il-kaz ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u ghalhekk tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellanti ghall-piena komplessiva ta' tmintax-il xahar prigunerija kull wiehed sospizi ghal tliet snin mid-data tas-sentenza appellata u minflok tikkundannahom ghal prigunerija ghal perijodu ta' seba' xhur kull wiehed b'dan li din is-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tliet snin millum huma jikkommettu reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija u tikkonfermaha fil-kumplament. Din il-Qorti spjegat lill-appellanti bi kliem car ir-responsabbilta` taghhom taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huma jikkommettu matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------